# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/341

## tas-27 ta' Settembru 2017

## dwar l-iskema ta' għajnuniet mill-Istat SA.34433 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza (taxxa favur l-Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (France AgriMer) — l-Artikolu 25 tal-liġi Nru 2005–1720 tat-30 ta' Diċembru 2005)

*(notifikata bid-dokument C(2017) 4431)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom f'konformità mal-Artikolu msemmi,

Billi:

## I. **PROĊEDURA**

(1) Wara li tressaq ilment u permezz tal-faks tat-28 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jikkomunikawlha l-informazzjoni kollha meħtieġa għal eżami, fid-dawl tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), tat-taxxa stabbilita permezz tal-Artikolu 25 tal-liġi Nru 2005-1720 tat-30 ta' Diċembru 2005 favur l-Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (France AgriMer) (aktar 'il quddiem "it-taxxa"). L-awtoritajiet Franċiżi kellhom xahar żmien biex iressqu l-informazzjoni inkwistjoni.

(2) Permezz tal-ittra tal-11 ta' Diċembru 2011, Franza talbet lill-Kummissjoni estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien sal-1 ta' Frar 2012.

(3) Permezz tal-faks tat-12 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni tat l-estensjoni mitluba.

(4) Permezz tal-email tal-14 ta' Frar 2012, Franza ressqet l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni fit-28 ta' Novembru 2011.

(5) Permezz tal-faks tal-5 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni għarrfet lill-awtoritajiet Franċiżi li hija fetħet każ dwar għajnuna mhux notifikata bin-numru ta' referenza SA.34433 (2012-NN), minħabba li t-taxxa kienet ġiet implimentata mingħajr ma ngħatat notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE u mingħajr ma ġiet approvata minnha. Permezz tal-faks tal-14 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni għarrfet lill-awtoritajiet Franċiżi bl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni kopert minn dan il każ, minħabba li l-analiżi tal-informazzjoni disponibbli wriet użu mhux xieraq ta' Regolament *de minimis* li biddel il-miżura f'għajnuna mhux notifikata. Li kieku r-Regolament *de minimis* intuża b'mod xieraq din il-miżura ma kinitx tittrasforma ruħha f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(6) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Ottubru 2012 [1], il-Kummissjoni għarrfet lil Franza bid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Ottubru 2012, li se tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-użu tat-taxxa. Hija stiednet lill-awtoritajiet Franċiżi biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-ftuħ tal-proċedura fi żmien xahar.

(7) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni.

(8) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

(9) Permezz tal-email tas-16 ta' Ottubru 2012, Franza talbet lill-Kummissjoni biex testendi l-limitu ta' żmien b'xahar (sal-4 ta' Diċembru 2012) biex tibgħat it-tweġiba tagħha għall-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE.

(10) Permezz tal-faks tat-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni estendiet kif mitlub.

---

[1] Ittra SG-Greffe (2012) D/15827.
[2] ĠU C 361, 22.11.2012, p. 10.

(11) Permezz tal-email tal-5 ta' Diċembru 2012, Franza tat it-tweġiba tagħha għall-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE lill-Kummissjoni.

(12) Wara li eżaminaw din it-tweġiba, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi ltaqgħu fit-12 ta' Diċembru 2012 biex jiċċaraw ċerti punti tal-każ. Wara din il-laqgħa, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali permezz tal-faks tal-15 ta' Jannar 2013.

(13) Permezz tal-email tal-18 ta' Frar 2013, Franza bagħtet ittra lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali mitluba fil-15 ta' Jannar 2013. L-awtoritajiet Franċiżi pprovdew informazzjoni ġdida fit-23 ta' Ġunju 2016, bħala tweġiba għal talba tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2015, u fl-20 ta' Jannar 2017, bħala tweġiba għal talba tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2016.

## II. **DESKRIZZJONI**

(14) L-Artikolu 25 tal-liġi Nru 2005-1720 tat-30 ta' Diċembru 2005 (il-liġi emendatorja tal-finanzi għall-2005) jistabbilixxi taxxa favur France AgriMer, bl-iskop li jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet implimentati minn din tal-aħħar favur is-suq tal-prodotti tal-ħalib. L-aħħar verżjoni konsolidata tiegħu hija tal-1 ta' Jannar 2012.

(15) It-taxxa hija dovuta mill-produtturi tal-ħalib tal-baqar li jkunu d-detenturi ta' kwantità referenzjali individwali għall-bejgħ dirett skont ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003 tal-Kunsill ([1]), kif ukoll mix-xerrejja tal-ħalib. Hija bbażata fuq:

— il-kwantità ta' ħalib tal-baqra kkunsinnata mill-produttur fil-forma ta' ħalib matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel l-1 ta' April ta' kull sena (iktar 'il quddiem il-"perjodu ta' referenza") u li jaqbeż il-kwantità ta' referenza nnotifikata minn France AgriMer lil dan il-produttur għall-kunsinni tal-ħalib f'dan il-perjodu (f'dan il-każ, is-somma tat-taxxa dovuta hija nnotifikata minn France AgriMer lil kull xerrej li lilu l-produttur ikun ikkunsinna l-ħalib tiegħu u, fi żmien xahar wara din in-notifika, ix-xerrej tal-ħalib jagħti lil France AgriMer ir-rikavat mit-taxxa miġbura mingħand il-produtturi li jikkunsinjawlu l-ħalib),

— il-kwantità ta' ħalib tal-baqra mibjugħa jew trasferita jew użata għall-manifattura ta' prodotti tal-ħalib mibjugħin jew trasferiti mill-produttur matul il-perjodu ta' referenza u li taqbeż il-kwantità ta' referenza nnotifikata lil dan il-produttur għall-bejgħ dirett ta' dan il-perjodu (f'dan il-każ, is-somma tat-taxxa dovuta hija nnotifikata minn Franza AgriMer lil kull produttur li jkun wettaq bejgħ dirett u l-produttur ikkonċernat jagħti r-rikavat mit-taxxa li għandu jħallas lil France AgriMer, fi żmien xahar wara din in-notifika).

(16) It-taxxa tista' tkun soġġetta għal rimborżi ([2]) li jistgħu jiġu akkumulati. Il-fatt taxxabbli huwa l-kunsinna tal-ħalib jew il-bejgħ dirett tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib matul il-perjodu ta' referenza. Bħala eżempju, l-Artikolu 4 tad-digriet tas-17 ta' Awwissu 2010 dwar il-ġbir ta' taxxa li għandha titħallas mix-xerrejja u mill-produtturi tal-ħalib li jkunu qabżu l-kwota individwali tagħhom għall-kunsinna għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009–2010 jipprevedi li, fil-limitu tad-disponibbiltajiet identifikati fil-livell nazzjonali fi tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009–2010, France AgriMer tirrimborża lix-xerrejja parti mit-taxxa dovuta mill-produtturi li jikkunsinnawlhom l-ħalib, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

— il-produtturi kollha li jibbenefikaw minn rimborż ekwivalenti għal 1 % tal-kwota tagħhom ([3]),

— il-produtturi li għandhom kwota individwali ta' 160 000 litru jew inqas jibbenefikaw ukoll minn rimborż massimu ta' EUR 2 866, li huwa ekwivalenti għal kwantità ta' 10 000 litru,

— il-produtturi li għandhom kwota ta' bejn 160 000 u 169 900 litru jibbenefikaw minn rimborż addizzjonali stabbilit b'mod li jippermettilhom li jilħqu 171 600 litru.

(17) Meta produttur ikollu jħallas l-imposta prevista fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, it-taxxa ma tkunx dovuta għall-kwantitajiet ikkonċernati. Skont din id-dispożizzjoni, hija stabbilita imposta, mill-1 ta' April 2004 u matul 11-il perjodu konsekuttivi ta' 12-il xahar li jibdew fl-1 ta' April, fuq il-kwantitajiet ta' ħalib tal-baqar jew prodotti oħra tal-ħalib imqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' 12-il xahar inkwistjoni u li jkunu qabżu l-kwantità ta' referenza nazzjonali.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123).
([2]) Dan it-terminu jkopri wkoll it-"tnaqqis mit-taxxa" imsemmi fid-deċiżjoni ta' ftuħ.
([3]) Fil-fatt, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi, ir-rimborż mhuwiex ikkalkulat fuq il-kwota iżda fuq il-kwantità li taqbeż il-kwota (ara l-premessa 29).

(18) Għal kull 100 kg ta' ħalib, it-tariffa tat-taxxa hija ta' EUR 28,54 għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006-2007 u ta' EUR 27,83 għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara.

(19) Ir-rikavat mit-taxxa jintuża għall-finanzjament tal-waqfien parzjali jew totali tal-attività tal-ħalib permezz tal-għajnuna għall-waqfien tal-attività tal-ħalib (aide à la cessation de l'activité laitière, ACAL). B'mod konkret, il-benefiċjarju jirċievi indennizz għal kull litru mingħand France AgriMer li huwa korp irregolat bil-liġi pubblika. Is-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-ACAL huma magħmula mill-fondi li jirriżultaw mis-sistema ta' trasferiment speċifiku mingħajr art (aktar 'il quddiem "TSST", transfert spécifique sans terre) ([1]), mill-baġit tal-Istat u, eventwalment, minn fondi tal-komunitajiet lokali. Parti mir-rikavat tat-taxxa ntużat ukoll biex tgħin lill-intrapriżi tal-ħalib li kellhom jeqirdu l-ħalib ikkontaminat mill-poliklorobifenili (PCBs) matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007-2008. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan l-appoġġ kien ipprovdut fil-qafas ta' skema *de minimis* marbuta mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 ([2]).

(20) Is-somma tal-ACAL hija kkalkulata fuq il-bażi li ġejja:

| EUR/litru | 2010-2011 | 2011-2012 | 2012-2013 | 2013-2014 |
|---|---|---|---|---|
| Sa 100 000 litru | 0,15 | 0,1125 | 0,075 | 0,0375 |
| Minn 100 001 sa 150 000 litru | 0,08 | 0,06 | 0,04 | 0,02 |
| Minn 150 001 sa 200 000 litru | 0,05 | 0,0375 | 0,025 | 0,0125 |
| Aktar minn 200 000 litru | 0,01 | 0,0075 | 0,005 | 0,0025 |

(21) Ir-rikavat tat-taxxa u l-użu tiegħu żviluppaw kif ġej sas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2010-2011:

*(EUR)*

| Sena ta' Kummerċjalizzazzjoni | Taxxa miġbura | ACAL iffinanzjati mit-taxxa | ACAL iffinanzjati minn taxxi oħrajn | Dawk ġejjin mit-TSST | ACAL totali | Azzjonijiet oħrajn iffinanzjati mit-taxxa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2005/2006 | 17 080 881 | Ebda programm ACAL | | | | |
| 2006/2007 | 11 858 443 | 12 851 977 | 21 509 339 | 21 454 252 | 34 361 316 | |
| 2007/2008 | 2 959 456 | 13 228 140 | 33 848 558 | 32 798 510 | 47 076 698 | 1 260 753 |
| 2008/2009 | 17 183 670 | 2 571 271 | 23 411 722 | 21 311 722 | 25 982 992 | |
| 2009/2010 | 10 093 611 | 17 909 294 | 12 349 799 | 12 349 799 | 30 259 093 | |
| 2010/2011 | 12 629 142 | 9 904 398 | 18 021 681 | 18 021 681 | 27 926 079 | |
| Total | 71 805 202 | 56 465 080 | 109 141 098 | 105 935 964 | 165 606 178 | |

## III. **IR-RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(22) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura stipulata mill-Artikolu 108(2) tat-TFUE għar-raġunijiet li ġejjin:

— kien jidher li l-ġbir innifsu tat-taxxa kellu elementi ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE minħabba li kien jinkludi rimborżi li ma kinux ġġustifikati mil-loġika tas-sistema tat-taxxa fis-seħħ; barra minn hekk, dawn l-elementi ta' għajnuna ma setgħux jiġu ġġustifikati fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli fis-settur agrikolu,

([1]) Is-sistema tax-xiri tal-kwoti.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

— il-waqfien tal-attività tal-ħalib iffinanzjat b'mod partikolari mit-taxxa seta' jkun parzjali jew totali; madankollu, skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli fis-settur agrikolu, għajnuna għall-waqfien tista' tiġi ddikjarata li hija kompatibbli mas-suq intern biss fil-każ ta' waqfien totali tal-attivitajiet agrikoli kummerċjali kollha.

— parti mit-taxxa ntużat biex tiġi ffinanzjata l-qerda tal-ħalib ikkontaminat mill-PCBs fil-qafas ta' skema *de minimis* ibbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006; madankollu, ma kienx ċert li dan ir-Regolament jista' jikkostitwixxi l-bażi ġuridika xierqa għall-għoti tal-għajnuniet *de minimis* f'dan il-każ; barra minn hekk, l-għażla ta' bażi ġuridika mhux xierqa setgħet toħloq element ta' għajnuna mill-Istat li l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern ma ntweritx,

— il-ġbir tat-taxxa u l-għajnuna għall-waqfien tal-attività setgħu ma jkunux kompatibbli mal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq fis-settur tal-ħalib jew setgħu jfixklu l-funzjonament tagħha; madankollu, skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-agrikoltura, miżura li jkollha dawn il-karatteristiċi ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

## IV. IL-KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA FORMALI

(23) Fl-ittra tagħhom mibgħuta permezz ta' email fil-5 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet Franċiżi l-ewwel nett enfasizzaw li teżisti bażi ġuridika għall-ACAL fir-regolamentazzjoni tal-Unjoni dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq. Din il-bażi ġuridika, stabbilita fl-Artikolu 75(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tal-Kunsill ([1]), tippermetti lill-Istati Membri jagħtu lill-produtturi li jimpenjaw ruħhom li jwaqqfu b'mod definittiv parti mill-produzzjoni tal-ħalib jew il-produzzjoni kollha tagħhom, indennizz li jitħallas f'rata annwali waħda jew aktar, u jalimentaw ir-riżerva nazzjonali bil-kwantitajiet ta' referenza individwali li jkunu ġew rilaxxati b'dan il-mod. Skont l-awtoritajiet, dan l-Artikolu għandu japplika b'mod indipendenti mid-dispożizzjonijiet l-oħra relatati mal-ġestjoni tal-kwoti tal-ħalib u mill-applikazzjoni ta' imposta fil-każ li tinqabeż il-kwota.

(24) B'referenza għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-finanzjament tal-waqfien tal-attività tal-ħalib jikkorrispondi *prima facie* għad-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li r-regolamentazzjoni tal-Unjoni ta' qabel l-2007, u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1788/2003, ma kienet tinkludi l-ebda riferiment espliċitu dwar l-obbligu li jiġu nnotifikati għajnuniet relatata ma' prodotti tas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib. Huma jispeċifikaw li s-sitwazzjoni ġiet iċċarata mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li jissottometti b'mod espliċitu s-sistema tal-ACAL għall-proċedura ta' notifika. L-awtoritajiet Franċiżi ħasbu wkoll, *in bona fede*, li kienu qed jirrispettaw ir-regolamentazzjoni tal-Unjoni meta regolarment kienu qed jagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar is-sistema ta' indennizzi, permezz tal-kwestjonarji. Fil-fehma tagħhom, il-Kummissjoni kienet taf diġà bl-eżistenza tal-ACAL, minħabba li kienet staqsiet lil Franza dwarhom matul l-eżami tal-miżura ta' għajnuna għat-tnaqqis volontarju tal-attività tal-ħalib fil-Bretagne (għajnuna Nru 290/2007 — ARVAL). Huma jikkonkludu l-argument tagħhom billi jimpenjaw ruħhom li jinnotifikaw is-sistema fil-ġejjieni (u dan għamluh, ara l-premessa 53).

(25) Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompatibbiltà ACAL mas-suq intern, u b'mod partikolari l-kumment tal-Kummissjoni li s-sistema ma tidhirx li tikkonforma mal-punt 88 tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u forestali 2007-2013 (aktar 'il quddiem il-"Linji Gwida 2007-2013") ([2]), l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li s-sistema tal-ACAL taqa' fil-qafas tal-Artikolu 75 (KE) Nru 1234/2007 u li l-Kummissjoni għandha tqis dan l-Artikolu fl-analiżi tagħha. Barra minn hekk huma jindikaw li parti biss mill-applikazzjonijiet tal-ACAL imressqa mill-produtturi tikkonċerna l-waqfien tal-attività minħabba l-pensjoni (madwar 10 % tat-total tal-produtturi benefiċjarji); għal dawn l-applikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet ta' waqfien totali tal-attivitajiet agrikoli kummerċjali kollha b'mod permanenti u definittiv ġew rispettati. Għall-produtturi l-oħra, l-awtoritajiet Franċiżi jaħsbu li s-sistema tal-ACAL hija kompatibbli mas-suq intern fir-rigward tal-punti 143 u 144 tal-Linji Gwida 2007-2013, dwar l-għajnuna għall-għeluq tal-kapaċità ta' produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli.

(26) Fir-rigward tal-punti 143 u 144 tal-Linji Gwida 2007-2013, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li s-settur tal-ħalib qiegħed f'sitwazzjoni ta' kapaċità eċċessiva, kif imsemmi fil-premessa 30 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u jenfasizzaw li skont dan ir-Regolament, il-waqfien tal-attività tal-ħalib tista' tkun parzjali jew totali. Barra minn hekk, fil-fehma tagħhom, is-sistema tal-ACAL tissodisfa l-kundizzjoni li tgħid li l-benefiċjarju tal-għajnuna għandu joffri kontroparti. Din il-kontroparti tikkonsisti fil-mekkaniżmu TSST stabbilit fl-2006 b'applikazzjoni

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

([2]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

tal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003. B'dan il-mekkaniżmu jitwettqu trasferimenti bi ħlas mill-produtturi li jkunu ngħataw kwantitajiet ta' referenza tal-ħalib rilaxxati skont skala definita. Jitħallas indennizz lill-produtturi li jittrasferixxu l-kwantità ta' referenza tal-ħalib disponibbli tagħhom. Dan l-indennizz huwa kkalkulat fuq l-istess skala bħal dik tal-ACAL. L-iskala u r-rabta tagħha mal-ACAL huma soġġetti għal digriet annwali stabbilit għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-ħalib. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, fit-TSST is-settur benefiċjarju jagħti kontribuzzjoni kollettiva lill-ACAL li tirrappreżenta mill-inqas 50 % tan-nefqa pubblika għall-implimentazzjoni tal-iskema. Mill-bqija, is-sistema ta' għajnuna teskludi lill-intrapriżi f'diffikultà, hija aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi kollha fl-istess kundizzjonijiet, ma toħloqx vantaġġ kompetittiv meta titqies in-natura kumpensatorja tagħha, minħabba li l-indennizz jingħata biss fil-każ li l-kwota tiġi abbandunata, u ma tirriżultax fl-ebda każ ta' kumpens żejjed għat-telf tal-kapital u tal-introjtu futur, minħabba li l-indennizz jingħata fuq bażi digressiva (matul il-perjodu kkunsidrat, il-medja tal-indennizz għall-abbandun kien ta' EUR 0,083 għal kull litru filwaqt li l-valur tal-kwota matul l-istess perjodu kien ta' EUR 0,10 għal kull litru).

(27) Fir-rigward tal-indennizzi mħallsin wara l-qerda tal-ħalib ikkontaminat mill-PCBs, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li d-deċiżjoni tad-direttur tal-Office de l'élevage dwar l-istabbiliment ta' sistema għall-kumpens tat-telf tal-operaturi, hija bbażata fuq ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 u (KE) Nru 1535/2007 ([1]). Ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006 intuża għall-għajnuna mħallsa lill-imħaleb għall-qerda tal-ħalib mixtri li ġie pproċessat darba wara li ngħabar, filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 1535/2007 intuża għall-finanzjament tal-qerda tal-ħalib nej tal-produtturi li jbiegħuh dirett. Fl-ebda wieħed mill-każijiet ma kien hemm kumpens żejjed għat-telf imġarrab.

(28) Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-rimborżi, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li d-digrieti ministerjali jistipulaw l-applikazzjoni tas-sistema ta' rimborżi unikament jekk l-imposta fuq l-ammont żejjed hija dovuta mill-produttur, skont is-sistema tat-Taxxa Fiskali Assenjata (Taxe Fiscale Affectée, TFA) jew l-imposta skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Għalhekk il-miżura kienet applikabbli fil-qafas ta' sistema ta' penali li ma tistax titqabbel ma' trattament preferenzjali tal-operaturi. Fil-każ li tinqabeż il-kwota nazzjonali, is-sistema tar-rimborż tapplika skont l-Artikolu 84(1) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, għalkemm is-sistema taffettwa b'mod differenti lill-kategoriji diversi ta' operaturi, din ma tfixkilx il-kompetizzjoni bejn il-produtturi. Il-produttur li kellu l-infrastruttura u l-mezzi finanzjarji biex jipproduċi aktar mill-kwota tiegħu, minkejja li ġarrab taxxa ogħla, ma kienx żvantaġġat meta mqabbel ma' produttur li ma setax jikkompetilu, minkejja li jħallas inqas taxxa. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-kummerċ lanqas ma seta' jiġi affettwat peress li s-sistema ta' tassazzjoni kienet limitata għal volum ta' produzzjoni nazzjonali u, filwaqt li t-tnaqqis tal-imposta ppermetta lil xi wħud jipproduċu aktar mingħajr konsegwenza finanzjarja, dan kien minħabba l-fatt li ċerti produtturi pproduċew inqas. Il-kwantità ta' ħalib li tqiegħdet fis-suq fl-aħħar mill-aħħar baqgħet l-istess u l-kummerċ bejn l-Istati membri ma ġiex affettwat.

(29) Fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni li s-setgħa li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi li jaġġustaw ir-rimborżi tidher li qed tindika l-eżistenza ta' trattament diskrezzjonali tal-operaturi ekonomiċi lil hinn mis-sempliċi ġestjoni tad-dħul tat-taxxa skont kriterji oġġettivi, li fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti lill-applikazzjoni individwali ta' miżura ġenerali l-kwalità ta' miżura selettiva ([2]), l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009-2010 u fid-dawl tat-tmiem tal-iskema tal-kwoti tal-ħalib ġiet stabbilita miżura ġenerali li tkopri l-produtturi kollha, u li l-limitu tar-rimborż ta' 1 % jew 2 % mhuwiex diskriminatorju peress li japplika għall-produtturi kollha tal-ħalib fuq il-bażi tal-kwantità li taqbeż il-kwota individwali, li *de facto* jfisser tnaqqis tat-taxxa applikata. Bl-istess mod, ingħata rimborż lill-produtturi żgħar kollha minħabba s-sitwazzjoni ta' fraġilità tagħhom (l-ispejjeż għall-produzzjoni, is-sensibbiltà għall-varjazzjonijiet ekonomiċi) biex tiġi adattata l-kontribuzzjoni tagħhom mal-kapaċitajiet tagħhom u mad-daqs tal-istruttura ta' produzzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' progressività li jirregolaw l-istabbiliment tal-kategoriji tat-taxxa. Dawn il-produtturi żgħar huma dawk li l-kwota tagħhom tirrappreżenta massimu ta' 55 % tal-kwota individwali medja fil-livell nazzjonali. Flimkien, dawn jirrappreżentaw 25 % tal-produtturi u inqas minn 20 % tal-kwota nazzjonali.

(30) Għal dawn ir-raġunijiet kollha, u meta titqies in-natura trasparenti u pubblika tas-sistema tar-rimborżi, li d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħha ġew spjegati b'mod ċar fid-digrieti ta' tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża (*Journal officiel de la République française*) u fuq il-websajts tas-servizzi deċentralizzati tal-Istat, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li s-sistema tar-rimborżi ma tissodisfax il-kriterji ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet *de minimis* fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35).

([2]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Settembru 1996, Franza vs il-Kummissjoni, C-241/94, ECLI:EU:C:1996:353.

(31) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li r-rimborżi tat-TFA ingħataw ukoll fuq il-bażi ta' każ b'każ għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 u 2007/2008, lil nissiela li kienu qed jiffaċċjaw il-marda tal-ilsien blu.

## V. KUMMENTI SUPPLIMENTARI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI

(32) Fl-ittra mibgħuta permezz tal-email tat-18 ta' Frar 2013 ([1]), l-awtoritajiet Franċiżi, li ntalbu juru r-rispett sħiħ tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-għajnuna għall-pensjoni u għall-waqfien tal-attività, ipprovdew il-kjarifiki li ġejjin, fid-dawl tal-kummenti tagħhom wara l-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE, ([2]) u wara l-laqgħa tat-12 ta' Diċembru 2012.

### Fir-rigward tal-ACAL allokati għall-waqfien tal-attività minħabba l-pensjoni

(33) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, is-sistema tal-ACAL minħabba l-pensjoni saret disponibbli għall-bdiewa mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009-2010, wara t-tneħħija tas-sistema nazzjonali ta' għajnuna għall-pensjoni bikrija. Ir-regoli tal-implimentazzjoni ta' din tal-aħħar kienu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([3]) u biha, l-għoti ta' għajnuna kien jiddependi b'mod partikolari fuq il-waqfien tal-attivitajiet agrikoli kollha. Dawn ir-regoli ġew applikati wkoll fil-qafas tas-sistema tal-ACAL. Fil-prattika, il-kontroll tar-rispett tal-waqfien totali tal-attività tal-ħalib jitwettaq fil-post minn spetturi li jikkontrollaw kampjun ta' ażjendi agrikoli magħżula fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju mwettqa minn France AgriMer. Ir-rata tal-kontroll hija konformi ma' dik stabbilita fir-regolamentazzjoni tal-Unjoni. Skont l-awtoritajiet Franċiżi ma nstabet l-ebda irregolarità.

### Fir-rigward tal-ACAL mogħtija skont l-għajnuna għall-għeluq tal-kapaċità ta' produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni

(34) Wara li fakkru li s-sistema tal-ACAL tista' tintuża meta l-produttur iwaqqaf l-attività tal-ħalib tiegħu parzjalment jew totalment f'konformità mal-Artikolu 75(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-punt 144(f) tal-Linji Gwida 2007-2013, u li fil-maġġoranza tal-każijiet (minn 80 % sa 90 % skont is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni) l-ACAL huma għajnuniet għall-waqfien totali tal-attività tal-ħalib, l-awtoritajiet Franċiżi analizzaw is-sistema fid-dawl tal-kundizzjonijiet diversi previsti fil-punt 144 tal-Linji Gwida 2007-2013, fir-rigward tal-għajnuniet għall-għeluq tal-kapaċità.

(35) Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-għajnuna implimentata tkunx fl-interess ġenerali ta' settur b'kapaċità żejda (il-punti minn 144(a) sa 144(e) tal-Linji Gwida 2007-2013), wara li fakkru l-argumenti esposti fil-premessa 26, l-awtoritajiet Franċiżi żiedu jgħidu li ċ-ċirkularijiet li jirregolaw is-sistema tal-ACAL jenfasizzaw li parti mill-kwoti rkuprati tmur lura fir-riżerva nazzjonali biex terġa' tiġi distribwita fil-qafas tal-attribuzzjonijiet normali tal-kwoti u li hemm ix-xewqa li tiġi organizzata distribuzzjoni mill-ġdid għall-benefiċċju tal-produtturi li għandhom il-kapaċità li jipproduċu aktar mill-kwantità ta' referenza inizjali tagħhom, u b'hekk ikunu qed jaġixxu favur il-kompetittività tas-settur tal-ħalib billi jappoġġaw ir-ristrutturar ekonomiku tiegħu. L-awtoritajiet Franċiżi jinsistu wkoll fuq it-talba tagħhom li jibbenefikaw mill-punt 144(e) tal-Linji Gwida 2007-2013, li skontu l-iskemi ta' għajnuna applikabbli għal setturi li huma soġġetti għal limiti ta' produzzjoni jew għal kwoti jiġu eżaminati każ b'każ.

(36) Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna joffrix kontroparti (il-punt 144(f) tal-Linji Gwida 2007-2013), l-awtoritajiet Franċiżi qed jeżaminaw il-każ tal-produtturi li jikkummerċjalizzaw il-ħalib tagħhom permezz ta' kunsinni lil kollettur u l-każ tal-produtturi li jikkummerċjalizzaw il-ħalib tagħhom direttament lill-konsumatur, permezz tal-bejgħ dirett.

(37) Fil-każ tal-produtturi li jikkummerċjalizzaw il-ħalib tagħhom permezz ta' kunsinni lil kollettur, il-produttur ikkonċernat jimpenja ruħu, fil-każ ta' waqfien totali, li jabbanduna kompletament u definittivament il-kunsinna u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib u għandu jipprovdi ċertifikat ta' waqfien totali

([1]) Ara l-premessa 13.
([2]) Ara l-premessa 25.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

u definittiv fi żmien 30 jum wara d-data tal-waqfien u mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena N + 1 (N hija s-sena ta' meta tressqet it-talba għall-għajnuna għall-waqfien). Għandu wkoll jimpenja ruħu li ma jitlobx aktar kwoti. Fil-każ ta' waqfien parzjali, il-produttur ikkonċernat jimpenja ruħu li jagħti prova tal-għeluq ta' stabbiliment (meta dan ikollu bosta stabbilimenti) jew jixhed li l-volum massimu ta' produzzjoni naqas bl-istess proporzjonijiet bħall-volum ta' referenza previst għal dawk li għandhom azjenda agrikola waħda biss. Għal dan l-għan, il-produttur għandu jkun jista' jippreżenta n-notifika tal-kwota stabbilita mix-xerrej tiegħu għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li tkun għaddejja kif ukoll dik tal-kwota l-ġdida għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara. Dan il-kontroll jibqa' validu sa tmiem l-2015, is-sena tat-tneħħija tal-kwoti. Barra minn hekk, produttur li jkun talab indennizz għall-abbandun parzjali ma jistax jikseb indennizz ieħor għall-istess raġuni aktar tard. Jekk jitlob u jikseb indennizz għall-abbandun totali, il-kwoti li jkunu diġà ngħataw indennizz għalihom minħabba l-waqfien parzjali jitqiesu fil-kalkoli.

(38) Fil-każ tal-produtturi li jikkummerċjalizzaw direttament il-ħalib tagħhom lill-konsumatur finali, il-produttur għandu jibgħat dikjarazzjoni ta' waqfien tal-produzzjoni għall-bejgħ dirett fi żmien 30 jum wara d-data tal-waqfien.

(39) Ikun xi jkun ix-xenarju previst, France AgriMer tikkontrolla r-rispett tad-dikjarazzjonijiet mhux biss fil-livell amministrattiv iżda wkoll fuq il-post. Fil-każ li jkun hemm xi irregolarità, l-indennizzi li ma kellhomx jingħabru jiġu rkuprati b'imgħax ikkalkolat bir-rata legali u jistgħu jingħataw sanzjonijiet skont il-Kodiċi Kriminali.

(40) Fir-rigward tal-prinċipju li jistabbilixxi li l-produtturi li verament kellhom attività ta' produzzjoni u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni li verament intużaw biss jistgħu jingħataw indennizz (il-punt 144(g) tal-Linji Gwida 2007-2013), l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-għoti tal-ACAL huwa possibbli biss għall-produtturi li għandhom attività ta' produzzjoni.

(41) Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-benefiċċju tal-għajnuna għall-intrapriżi li jissoddisfaw l-istandards minimi obbligatorji u l-esklużjoni tal-produtturi li għalihom diġà ngħalqet il-kapaċità ta' produzzjoni jew li jidher inevitabbli li se jkollhom jagħlquha (il-punti 144(i) u (j) tal-Linji Gwida 2007-2013), l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-ħalib, li huwa kkunsinnat u mħallas wara li jiġi analizzat, jissodisfa b'mod obbligatorju r-rekwiżiti minimi għall-użu tiegħu mill-maħleb. L-ebda intrapriża ta' produzzjoni tal-ħalib ma hija obbligata li twaqqaf il-produzzjoni tagħha minħabba n-nuqqas ta' rispett tal-istandards minimi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li l-produtturi fi proċedura ta' riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni ġudizzjarji huma esklużi mill-benefiċċju tal-għajnuna, kif ukoll l-intrapriżi li mhumiex is-soġġett ta' tali proċedura iżda jissodisfaw il-kriterji l-oħra ta' definizzjoni ta' intrapriża f'diffikultà (diffikultajiet ta' likwidità, fatturat li qed jonqos b'rata mgħaġġla, żieda fit-telf, żieda fid-dejn, tnaqqis tal-assi).

(42) Fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema għall-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur (il-punt 144(k) tal-Linji Gwida 2007-2013, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li t-trasparenza u l-pubbliċità tas-sistema li jippermettu li din tkun disponibbli għal kulħadd. Ir-regoli għall-aċċess tas-sistema tal-ACAL u għall-implimentazzjoni tagħha huma deskritti fid-digrieti diversi ppubblikati fi tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża (*Journal officiel de la République française*) kif ukoll fiċ-ċirkularijiet.

(43) Fir-rigward tan-nuqqas ta' kumpens żejjed għat-telf tal-kapital u tal-introjtu futur (il-punt 144(l) tal-Linji Gwida 2007-2013), l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-iskala ta' indenizz hija digressiva skont il-volum u l-ħin. Barra minn hekk, kwantità ta' referenza individwali hija magħmula minn medja ta' 20 % ta' kwantitajiet allokati fil-ħames snin ta' kummerċjalizzazzjoni ta' qabel it-talba għall-ACAL u din il-parti hija eskluża mill-kalkolu tal-indennizz. B'din is-sistema, l-ammont tal-indennizz ma jaqbiżx il-valur tal-kwota stmata għal Franza mill-Kummissjoni. Dan l-argument huwa sostnut b'ċifri li juru li fl-2012, il-valur tal-kwota Franċiża kien stmat mill-Kummissjoni għal EUR 200/1 000 litru, filwaqt li l-valur kkalkulat fuq il-bażi tal-iskali li jintużaw fi Franza huwa ta' EUR 90/1 000 litru, li jservi ta' bażi għall-kalkolu tal-indennizz.

(44) Fir-rigward tal-kontroparti offerta mis-settur (il-punt 144(m) tal-Linji Gwida 2007-2013), l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li s-sistema tal-ACAL hija essenzjalment iffinanzjata mid-dħul tat-TSST, stabbilita skont l-Artikolu 75(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u li tippermetti lill-produtturi jiksbu kwoti bi ħlas. Il-bqija tal-finanzjament jinkiseb minn fondi pubbliċi jew privati (l-Istat, il-kollettivitajiet territorjali u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali).

(45) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-punt 144(n) tal-Linji Gwida 2007-2013, li jipprevedi li, jekk Stat Membru jintroduċi skema għall-għeluq tal-kapaċitajiet, għandu jimpenja ruħu li ma jagħti l-ebda għajnuna għall-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni ġodda fis-settur ikkonċernat fil-ħames snin wara t-tmiem tal-programm tal-għeluq tal-kapaċitajiet, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li s-sistema tal-ACAL għandha l-għan li tirristruttura s-settur b'mod konformi mal-possibbiltà offerta mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li l-kwoti rilaxxati fil-qafas tal-ACAL ikunu disponibbli għal produtturi oħrajn u li l-kompatibbiltà ta' din is-sistema prevista f'dan ir-Regolament għalhekk għandha tkun soġġetta għal interpretazzjoni mill-Kummissjoni.

**Kwistjonijiet oħrajn**

(46) Fil-faks tagħha tal-15 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni enfasizzat li t-taxxa titħallas mill-produtturi lix-xerrejja iżda r-rimborżi previsti fid-digrieti li jistabbilixxu t-taxxa jitħallsu lix-xerrejja wkoll. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex juru li x-xerrejja jirretroċedu l-ammonti rimborżati lill-produtturi.

(47) Fl-ittra mibgħuta permezz tal-email tat-18 ta' Frar 2013, l-awtoritajiet Franċiżi jispeċifikaw li l-ammonti marbuta ma' kwalunkwe rimborż dovut lill-produtturi li qabżu l-kwantità ta' referenza tagħhom, jinġabru mis-sors u għalhekk jitnaqqsu direttament mill-ammont tat-taxxa deċiża fi tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, u li dan il-mekkaniżmu ta' retroċessjoni li jnaqqas it-taxxa dovuta mill-produttur li jaqbeż il-kwantità ta' referenza huwa wieħed mill-obbligi li għandhom jirrispettaw ix-xerrejja approvati, skont l-Artikoli 65 u 85 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 kif emendat. Barra minn hekk, ix-xerrejja huma obbligati li jirrappurtaw ir-rimborżi skont il-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

(48) Fir-rigward tal-limitu tar-rimborż ([1]), l-awtoritajiet Franċiżi jikkonfermaw li l-perċentwali previsti (1 % u 2 %) japplikaw għall-produtturi kollha li qabżu l-kwota individwali tagħhom u skont rata identika matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkunsidrata kollha.

(49) Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kwantitajiet li jagħtu dritt għal rimborż ([2]), l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li dan il-mekkaniżmu nħoloq biex is-settur Franċiż jadatta ruħu għat-tneħħija tal-kwoti. L-għan tiegħu huwa li t-taxxa fuq l-eċċessi tinżamm f'livell regolari billi jingħata rimborż lill-produtturi żgħar f'sitwazzjoni fraġli (15 % tal-produtturi li jirrappreżentaw 10 % tal-kwota nazzjonali). Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-mekkaniżmu huwa konformi mal-prinċipji ta' progressività li jirregolaw l-istabbiliment tal-kategoriji tat-taxxa, li huma msemmija fil-punt 24 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna tal-istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett ([3]), u mekkaniżmu ta' rimborż supplimentari ġie stabbilit għall-produtturi li ma jistgħux jibbenefikaw minn rimborż għall-"produtturi żgħar" iżda li xorta jinsabu f'sitwazzjoni fraġli fir-rigward tal-kwantità ta' referenza miżmuma. L-għan ta' dan huwa li jiġu evitati l-effetti tal-limiti massimi.

(50) Fl-ittra tagħhom tal-20 ta' Jannar 2017, l-awtoritajiet Franċiżi speċifikaw li r-rimborżi msemmija fit-tieni u fit-tielet inċiż tal-premessa 16 tqiegħdu taħt skema *de minimis* b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 ([4]), minħabba li dak iż-żmien kienu ngħataw fil-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li huma applikabbli b'mod retroattiv.

(51) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni tal-kumpens għat-telf minħabba l-marda tal-ilsien blu, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li din il-marda wasslet għal bidla fl-imġiba ta' ċerti produtturi li, meta raw il-marġnijiet gross tagħhom jonqsu u bdew jaffaċċjaw id-diffikultajiet marbuta mal-projbizzjoni ta' ħruġ tal-bhejjem, fost oħrajn, ikkumpensaw dawn il-marġnijiet bi produzzjoni li taqbeż il-kwota tagħhom. B'reazzjoni għal din is-sitwazzjoni, ġiet stabbilita sistema ta' rimborż tal-imposta applikabbli fil-qafas tas-sistema nazzjonali tat-TFA jew skont l-Artikolu 84(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fil-każ li tinqabeż il-kwota nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament. Ir-rimborż laħaq il-proporzjonijiet li ġejjin:

— matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006-2007, 5 % tal-kwota fiż-żona projbita u 2,5 % fiż-żoni ristretti l-oħra, fejn it-telf kien inqas,

— matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007-2008, rimborż massimu ta' 10 000 litru (ekwivalenti għal 4 % tal-kwota medja), irrispettivament miż-żona kkonċernata.

([1]) Ara l-premessa 29.
([2]) Ara l-premessa 16, it-tieni u t-tielet inċiż.
([3]) ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3.
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9).

(52) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, jekk il-kwota nazzjonali ma tinqabiżx, is-sistema ta' rimborż hija konformi mad-dispożizzjonijiet kollha tas-sottokapitolu V.B.4 tal-Linji Gwida 2007-2013, kif ukoll mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ([1]). B'mod partikolari huma jenfasizzaw il-punti li ġejjin:

— l-għajnuniet ingħataw lil bdiewa (il-punti 131, 132(e) u 137 tal-Linji Gwida 2007-2013),

— ir-rimborż li kellu jikkumpensa t-telf imġarrab mill-bdiewa benefiċjarji jaqa' taħt il-qafas tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE (il-punt 132(a) tal-Linji Gwida 2007-2013) u l-Artikolu 10(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006,

— il-miżura ta' rimborż ġiet stabbilita fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni (id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ([2])) u dawk nazzjonali (l-Artikolu L 221-1 tal-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu) sabiex taġixxi kontra l-marda kkonċernata (programm ta' azzjonijiet), u dan jikkonferma t-tħassib tal-awtoritajiet pubbliċi dwar dan l-avveniment tas-saħħa (il-punt 132(b) tal-Linji Gwida 2007-2013 u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006),

— il-miżura ta' rimborż għandha l-għan li tikkumpensa l-miżuri diversi rrakkomandati jew ordnati mill-awtoritajiet kompetenti (il-punt 132(c) tal-Linji Gwida 2007-2013), u b'mod partikolari l-miżuri ta' restrizzjoni jew ta' projbizzjoni tal-moviment tal-annimali,

— l-imġiba tal-bidwi ma kkontribwietx għaż-żieda fir-riskju tal-marda (il-punt 132(d) tal-Linji Gwida 2007-2013),

— ma hemmx riskju ta' kumpens żejjed (il-punt 136 tal-Linji Gwida 2007-2013) għax din hija l-unika miżura għal din il-marda tal-annimali u għalhekk ma hemmx riskju ta' akkumulazzjoni.

## VI. **EVALWAZZJONI**

### Kamp ta' applikazzjoni

(53) Minħabba li ntwera, matul il-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE (ara l-premessi 24 u 25 tad-deċiżjoni tal-ftuħ), li t-taxxa mħallsa ma kinitx taxxa imposta skont il-ġurisprudenza, din l-analiżi se tiffoka fuq żewġ elementi separati: ir-rimborżi tat-taxxa msemmija fil-premessa 16, minn naħa, u l-ACAL iffinanzjati sas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2011/2012, min-naħa l-oħra, filwaqt li jitqies li fil-15 ta' Mejju 2013 il-Kummissjoni approvat skema ta' għajnuna għall-waqfien tal-attività tal-ħalib li tkopri s-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2012/2013 u 2013/2014 ([3]).

(54) Din l-analiżi mhux se tkopri l-għajnuniet għall-qerda tal-ħalib ikkontaminat mill-PCBs, minħabba li f'dan ir-rigward l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew ukoll aktar dettalji dwar l-applikazzjoni eżatta tar-regolamenti *de minimis* rilevanti ([4]) u li, peress li l-għajnuniet li jirrispettaw il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jitqiesu, skont dawn ir-regolament, li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni ma għandhiex tagħti l-opinjoni tagħha dwarhom aktar. Il-Kummissjoni lanqas mhi se tkopri l-għajnuniet kompensatorji marbuta mal-marda tal-ilsien blu.

### L-eżistenza ta' għajnuna

(55) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(56) Għalhekk biex miżura tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat skont din id-dispożizzjoni jeħtieġ li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin ikunu ssodisfati: (i) il-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.).

([3]) Għajnuna mill-Istat SA.36009 – Franza, għajnuna għall-waqfien tal-attività tal-ħalib (dokument C(2013)2762 final tal-15 ta' Mejju 2013).

([4]) Ara l-premessa 27.

tar-riżorsi tal-Istat; (ii) din trid tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha; (iii) dan il-vantaġġ irid ikun selettiv, u (iv) il-miżura trid tkun waħda li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u trid taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dan il-każ, meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni definit fil-premessi 53 u 54, din il-kwalifika għandha tiġi evalwata fil-livell tar-rimborżi msemmija fil-premessa 16 u fil-livell tal-ACAL.

(57) Fir-rigward tar-rimborżi msemmija fit-tieni u t-tielet inċiż tal-premessa 16, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi kklassifikawhom taħt skema *de minimis* b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013, applikabbli b'mod retroattiv. Għalhekk, dawn ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(58) Fir-rigward tar-rimborż imsemmi fl-ewwel inċiż tal-premessa 16, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-informazzjoni li kellha u fil-qafas tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura formali, qieset li dan ir-rimborż (li kien parti mit-tnaqqis mit-taxxa imsemmi fid-deċiżjoni inkwistjoni) kellu element ta' għajnuna minħabba li kien iffinanzjat mill-Istat li b'hekk kien qed jitlef mir-riżorsi tiegħu. Barra minn hekk, dan ir-rimborż jiffavorixxi ċerti intrapriżi (l-intrapriżi tal-ħalib li jibbenefikaw minnu li b'hekk ma għandhomx il-piż finanzjarju li għandhom l-intrapriżi tal-ħalib l-oħra) u jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ minħabba l-pożizzjoni ta' Franza fis-suq. Il-Kummissjoni speċifikat ukoll li għalhekk ma kienx possibbli li jiġi determinat jekk l-eżistenza u l-modulazzjoni tar-rimborż kinux iġġustifikati mil-loġika tas-sistema tat-taxxi stabbilita, u enfasizzat li l-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jimmodulaw ir-rimborż tindika l-eżistenza ta' trattament diskrezzjonali tal-operaturi lil hinn mill-ġestjoni tad-dħul mit-taxxa. Fl-aħħar nett, ma kien hemm xejn li jindika li l-ekwivalenti tas-sussidju tat-tnaqqis mit-taxxa seta' jaqa' fil-qafas ta' skema *de minimis* li tippermetti li wieħed iqis li l-għajnuniet ta' ammont baxx ma jikkostitwixxux għajnuniet mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(59) Biex jevalwaw ir-rilevanza tal-argument tal-awtoritajiet Franċiżi li r-rimborż ma kienx jikkostitwixxi trattament preferenzjali għal kategorija ta' operaturi, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' referenza li tippermetti li wieħed jivverifika jekk il-miżura għandhiex natura selettiva, jiġifieri li tiffavorixxi ċerti produtturi u mhux oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika identika. F'dan il-każ, din is-sistema u dik applikata għall-produtturi li jaqbżu l-kwota (il-produtturi kollha li jaqgħu f'din il-kategorija jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika identika, billi huma soġġetti għat-taxxa; madankollu, il-produtturi li ma jkunux qabżu l-kwota tagħhom ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni fattwali u ġudirika identika, mhux biss minħabba li baqgħu fil-limiti tal-kwota tagħhom, iżda wkoll minħabba li ma ġewx soġġetti għat-taxxa).

(60) Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni tqis li r-rimborż ingħata mingħajr diskriminazzjoni lill-produtturi kollha li qabżu l-kwota tagħhom u ġie mmodulat minn sena ta' kummerċjalizzazzjoni għall-oħra u mhux bejn il-produtturi benefiċjarji fl-istess sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Għalhekk, id-digriet tas-17 ta' Awwissu 2010 ([1]) kien jipprevedi rimborż tat-taxxa fuq 1 % tal-kwota għall-produtturi kollha li jkunu qabżu l-kwota tagħhom u d-digriet tas-16 ta' Awwissu 2011 ([2]), rimborż tat-taxxa fuq 2 % tal-kwota, għall-produtturi kollha li jkunu qabżu l-kwota tagħhom ukoll. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-sistema tikkostitwixxi penalizzazzjoni għaliex tapplika biss fil-każ li tinqabeż il-kwota. Billi din il-penalizzazzjoni tikkonċerna biss il-produtturi li jinsabu fl-istess sitwazzjoni fattwali u ġuridika, ir-rimborż ma jiffavorixxi l-ebda wieħed minnhom meta jiġi applikat b'mod uniformi u għalhekk mhuwiex selettiv.. Ir-rimborż għaldaqstant ma jissodisfax il-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u għalhekk ma jistax jitqies li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir analiżi tal-kriterji l-oħra tal-Artikolu 107(1).

(61) Min-naħa tagħha, l-ACAL tagħti vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha li, meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom, ikollhom riżorsi biex jiffinanzjaw attivitajiet oħrajn relatati mal-agrikoltura. Dan il-vantaġġ jingħata permezz tar-riżorsi tal-Istat (prodott mit-taxxa u r-riżorsi supplimentari tal-awtoritajiet pubbliċi – ara l-premessa 11 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura formali) u jiffavorixxi ċerti intrapriżi (l-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-produzzjoni tal-ħalib). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt biss li l-kompetittività ta' intrapriża tissaħħaħ meta mqabbla ma' intrapriżi kompetituri billi tingħata vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tirċievi fit-twettiq ordinarju tal-attività tagħha jindika li hemm riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni ([3]).

([1]) Ara l-premessa 16.

([2]) Digriet tas-16 ta' Awwissu 2011 dwar l-impożizzjoni ta' taxxa għax-xerrejja u għall-produtturi tal-ħalib li jkunu qabżu l-kwota individwali tagħhom għall-kunsinna għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2010-2011 (digriet tal-kunsinni għal tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni).

([3]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980 fil-Kawża 730/79, *Philip Morris Holland BV vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, ECLI:EU:C:1980:209.

(62) B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għajnuniet tal-Istat jidher li qed jinfluwenzaw lill-kummerċ bejn l-Istati Membri meta l-intrapriża tkun attiva f'suq li huwa soġġett għall-kummerċ intra-UE ([1]). F'dan il-każ, il-benefiċjarji tal-għajnuna huma attivi fis-suq tal-prodotti tal-ħalib, fejn isir kummerċ intra-UE ([2]). Is-settur ikkonċernat huwa miftuħ għall-kompetizzjoni fil-livell tal-UE, u għalhekk huwa sensittiv għal kwalunkwe miżura favur il-produzzjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar. Għalhekk, l-ACAL iwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jinfluwenzaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(63) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati. Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-ACAL jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont dak l-Artikolu. L-għajnuna tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern biss jekk tista' tibbenefika minn waħda mid-derogi previsti fit-TFUE.

(64) F'dan il-każ, meta titqies in-natura tal-ACAL, l-unika deroga li tista' tkun invokata hija dik stipulata fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li tistabbilixxi li l-għajnuniet maħsuba biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq intern meta dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni.

(65) Peress li l-ACAL ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni, l-applikabbiltà tad-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jenħtieġ li tiġi analizzata fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli fil-mument meta ngħataw l-ACAL. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi, l-ACAL kellhom żewġ forom distinti: għajnuniet għall-pensjoni u għajnuniet għall-għeluq tal-kapaċità. L-indikazzjonijiet mogħtija fil-premessa 33 juru li l-ACAL mogħtija fil-forma ta' għajnuniet għall-pensjoni ħadu post is-sistema nazzjonali ta' għajnuna għall-pensjoni bikrija ffinanzjata fil-qafas tal-politika ta' żvilupp rurali mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009-2010. Għalhekk, il-kriterji ta' kompatibbiltà tal-għajnuniet li għandhom jitqiesu huma dawk tal-Linji Gwida 2007-2013. Fir-rigward tal-għajnuniet għall-għeluq tal-kapaċità, it-tabella fil-premessa 21 turi li l-għajnuniet tħallsu għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006-2007. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tad-digriet li jirregolaw l-għajnuniet ([3]) juru li l-ewwel deċiżjonijiet tal-għoti ġew adottati, probabbilment fl-2007, jiġifieri wara d-data li fiha bdew japplikaw il-Linji Gwida 2007-2013. Għalhekk huma dawn il-Linji Gwida li se jservu wkoll ta' referenza għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuniet inkwistjoni.

**Għajnuniet għall-pensjoni**

(66) Il-punt 85 tal-Linji Gwida 2007-2013 jindika li l-għajnuniet għandhom jiġu riżervati għall-produtturi primarji (il-bdiewa). Il-punt 87 jipprevedi li l-Kummissjoni se tiddikjara dawn l-għajnuniet mill-Istat mogħtija għall-pensjoni bikrija kompatibbli mal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE) jekk huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Il-punt 88 tal-Linji Gwida 2007-2013 jimponi wkoll il-waqfien permanenti u definittiv ta' kull attività agrikola kummerċjali.

(67) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota, fid-dawl tal-premessa 33, li l-bdiewa biss ibbenefikaw mill-ACAL fil-forma ta' għajnuniet għall-pensjoni, li s-sistema ta' pensjoni bikrija implimentata fi Franza ġiet approvata fil-qafas tal-politika tal-iżvilupp rurali, b'mod partikolari minħabba li din kienet konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, u li l-kundizzjonijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, inkluż il-waqfien ta' kull attività agrikola, ġew rispettati meta ngħataw l-ACAL.

(68) Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida 2007-2013 dwar l-għajnuniet għall-pensjoni bikrija jew għall-waqfien tal-attivitajiet agrikoli ġew rispettati.

---

([1]) Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tat-13 ta' Lulju 1988 fil-kawża Nru C-102/87, *Ir-Repubblika ta' Franza vs. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, ECLI:EU:C:1988:391.

([2]) Fl-2011, sena li tinsab fil-perjodu li matulu tħallsu l-għajnuniet, Franza kienet it-tieni l-akbar produttur tal-ħalib fl-Unjoni bi produzzjoni ta' 25,27 miljun tunnellata, f'suq fejn il-kummerċ intra-Komunitarju kien ta' madwar 14-il miljun tunnellata, kemm bħala importazzjoni kif ukoll bħala esportazzjoni.

([3]) Digriet tat-28 ta' Awwissu 2006 dwar l-għoti ta' indennizz għall-abbandun totali jew parzjali tal-produzzjoni tal-ħalib u l-implimentazzjoni ta' sistema speċifika ta' trasferiment tal-kwantitajiet ta' referenza tal-ħalib għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006-2007.

**Għajnuniet għall-waqfien tal-attività**

(69) Il-Linji Gwida 2007-2013 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà rilevanti li ġejjin:

— l-għajnuna għandha tkun fl-interess ġenerali tas-settur (il-punt 144(a)),

— fil-każ ta' kapaċità żejda, l-għajnuniet għandhom ikunu parti minn programm ta' ristrutturar b'għanijiet definiti b'mod ċar u b'kalendarju speċifiku, it-talbiet iridu jsiru matul perjodu massimu ta' sitt xhur u l-għeluq tal-kapaċitajiet għandu jsir fi żmien 12-il xahar addizzjonali (il-punti 144(b) u (c)),

— l-ebda għajnuna ma għandha taffettwa l-mekkaniżmi tal-organizzazzjoni komuni tas-suq ikkonċernat, u l-iskemi ta' għajnuna applikabbli għas-setturi li huma soġġetti għal limiti ta' produzzjoni jew għal kwoti huma eżaminati każ b'każ (il-punt 144 (e)),

— il-benefiċjarju tal-għajnuna jrid jipprovdi kontroparti, li ġeneralment jikkonsisti f'deċiżjoni definittiva u irrevokabbli biex tiżżarma jew tingħalaq b'mod definittiv il-kapaċità ta' produzzjoni inkwistjoni; dan jinvolvi l-għeluq sħiħ tal-kapaċitajiet ta' ażjenda agrikola jew – jekk din hija intrapriża li għandha diversi siti ta' produzzjoni – l-għeluq ta' ċerti stabbilimenti; għandu jinkiseb impenn legalment vinkolanti mill-benefiċjarju biex l-għeluq inkwistjoni jkun definittiv u irriversibbli u biex jiġi żgurat li l-benefiċjarju ma jerġax jibda l-istess attività xi mkien ieħor; dawn l-impenji jridu jkunu jorbtu wkoll lil kwalunkwe xerrej ieħor tal-unità ta' produzzjoni kkonċernata fil-ġejjieni; (il-punt 144(f));

— huma biss il-produtturi li fil-fatt kellhom attività ta' produzzjoni u huma biss il-kapaċitajiet ta' produzzjoni li fil-fatt kienu qed jintużaw b'mod kostanti matul l-aħħar ħames snin qabel l-għeluq li jistgħu jibbenefikaw mill-programmi għall-għeluq tal-kapaċitajiet (il-punt 144(g)),

— l-intrapriżi li jissodisfaw l-istandards obbligatorji minimi biss huma eliġibbli (il-punt 144 (i)),

— għandu jkun possibbli li jiġi eskluż li l-għajnuna titħallas għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar tal-intrapriżi f'diffikultà (il-punt 144(j)),

— l-iskema għandha tkun aċċessibbli għall-operaturi kollha tas-settur inkwistjoni, bl-istess kundizzjonijiet (il-punt 144(k)),

— l-ammont tal-għajnuna għandu jkun strettament limitat għal dak li huwa meħtieġ biex ipatti għat-telf tal-valur tal-assi, flimkien ma' inċentiv finanzjarju li ma jistax jaqbeż l-20 % ta' dan il-valur (il-punt 144(l)),

— jenħtieġ li s-settur iħallas mill-inqas nofs l-ispejjeż relatati mal-għajnuniet (il-punt 144(m)),

— l-ebda għajnuna ma għandha tingħata għall-ħolqien ta' kapaċitajiet ġodda fis-settur ikkonċernat matul il-ħames snin wara l-waqfien tal-programm tal-għeluq tal-kapaċitajiet (il-punt 144(n)).

(70) Peress li skont il-punt 11 tal-Linji Gwida 2007-2013 l-applikazzjoni tal-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE għas-setturi koperti mill-organizzazzjonijiet komuni tas-suq hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti mir-regolamenti kkonċernati, l-ewwel kundizzjoni eżaminata se tkun dik tan-nuqqas ta' interferenza mal-organizz-azzjonijiet komuni tas-suq.

(71) L-Artikolu (75) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li:

"1. Bil-ħsieb tar-ristrutturazzjoni b'suċċess tal-produzzjoni tal-ħalib jew tat-titjib tal-ambjent, l-Istati Membri jistgħu, skont regoli dettaljati li huma għandhom jistabbilixxu, b'kont meħud tal-interessi leġittimi tal-partijiet konċernati:

(a) jagħtu kumpens f'pagament wieħed annwali jew aktar lill-produtturi li jintrabtu li jabbandunaw b'mod permanenti l-produzzjoni kollha tal-ħalib tagħhom jew parti minnha u jpoġġu l-kwoti individwali hekk rilaxxati fir-riżerva nazzjonali;

(b) jiddeterminaw abbażi ta' kriterji oġġettivi l-kundizzjonijiet li fuqhom il-produtturi jistgħu jiksbu, bi ħlas, fil-bidu ta' perjodu ta' tnax-il xahar, ir-riallokazzjoni mill-awtorità kompetenti jew minn korp maħtur minn dik l-awtorità ta' kwoti individwali rilaxxati definittivament fl-aħħar tal-perjodu ta' tnax-il xahar preċedenti minn produtturi oħrajn b'kumpens f'pagament wieħed annwali jew aktar ekwivalenti għall-pagament imsemmi hawn fuq;

[…]".

(72) Peress li l-Artikolu 75 imsemmi jiddeskrivi b'mod preċiż il-mekkaniżmi inerenti għas-sistema tal-ACAL implimentata minn Franza u li jħalli l-libertà lill-Istati Membri li jadottaw ir-regoli għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' għajnuna għall-waqfien tal-attività, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema tal-ACAL ma taffettwax l-organizzazzjoni komuni tas-swieq u ma tfixkilx il-funzjonament tajjeb tagħha.

(73) Fir-rigward tal-interess li l-għajnuna għandu jkollha għas-settur, in-nuqqas ta' kapaċità żejda ma jistax jiġi invokat f'dan il-każ, kif jidher fil-premessa 74 hawn taħt, u l-għajnuna lanqas ma hija marbuta ma' obbligi relatati mas-saħħa jew mal-protezzjoni tal-ambjent. Madankollu, dawn mhumiex l-uniċi kriterji li jistgħu jkunu involuti (il-preżenza tagħhom hija biżżejjed biex tiġġustifika l-interess tal-għajnuna, iżda dan ma jfissirx li ma jistgħux jitqiesu kriterji oħrajn) u f'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li l-argumenti mressqa mill-awtoritajiet Franċiżi ([1]) huma validi, mhux biss għaliex l-għoti tal-għajnuna tippermetti fil-fatt li jinfetħu possibbiltajiet ta' produzzjoni, li tqassmu mill-ġdid biex tittejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi fi skema ta' kwoti, iżda wkoll minħabba li l-mekkaniżmu użat jikkorrispondi għal dak li japplika fil-qafas tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq ikkonċernata.

(74) Fir-rigward tal-eżistenza ta' programm ta' ristrutturar b'objettivi u skedi ta' żmien speċifiċi meta jkun hemm kapaċità żejda fis-settur, il-Kummissjoni tinnota li l-kriterji msemmija huma ssodisfati għar-raġunijiet li ġejjin:

— is-settur jista' jitqies li għandu kapaċità żejda: l-iskema tal-kwoti tal-ħalib prevista fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (u, qabel dan, fir-Regolament (KE) Nru 1788/2003) għandha l-għan ewlieni li tnaqqas l-iżbilanċ bejn l-offerta u d-domanda fis-suq ikkonċernat kif ukoll l-eċċessi strutturali li jirriżultaw u li b'hekk jinkiseb bilanċ aħjar fis-suq (ara l-premessa 36 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-premessa 3 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003),

— l-għoti tal-ACAL huwa parti minn sistema bl-għan li tirristruttura l-produzzjoni billi tippermetti lill-bdiewa jitilqu mis-settur, jekk jixtiequ, billi terġa' tagħmel disponibbli l-kwantitajiet li setgħu jipproduċu,

— fir-rigward tal-kalendarju, id-digrieti li jirregolaw is-sistema tal-ACAL jipprevedu limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' inqas minn sitt xhur u limitu ta' żmien għall-waqfien tal-attività (li huwa ekwivalenti, f'dan il-każ, għal għeluq tal-kapaċità peress li l-kwota tkun ġiet irtirata lill-persuna kkonċernata) ta' inqas minn sena. Pereżempju, id-digriet tat-23 ta' Ġunju 2009 li jirregola s-sistema tal-ACAL għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009-2010 jipprevedi li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jiġu ppreżentati l-aktar tard fil-31 ta' Awwissu 2009 u li l-waqfien tal-attività sseħħ l-aktar tard fil-31 ta' Marzu 2010; id-digrieti li jikkonċernaw is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni l-oħra jużaw l-istess skadenzi, b'varjazzjoni skont id-data tal-adozzjoni tad-digriet iżda dejjem fil-limiti preskritti mil-Linji Gwida 2007-2013.

(75) Fir-rigward tal-kontroparti li għandha tiġi offerta, il-Kummissjoni tinnota, fid-dawl tal-premessi 36, 37 u 38 li l-benefiċjarju, biex jikseb l-għajnuna, irid jabbanduna b'mod definittiv il-kwota tal-ħalib tiegħu kollha jew parti minnha. Filwaqt li l-punt 144(f) jindika li l-kontroparti normalment tikkonsisti fil-waqfien sħiħ tal-kapaċitajiet ta' intrapriża agrikola, għandu jiġi mfakkar li l-waqfien parzjali tal-kapaċità ta' produzzjoni, f'dan il-każ, kien previst mill-iskema tal-kwoti rregolata bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007. F'dan il-kuntest, il-waqfien parzjali jista' titqies bħala kontroparti suffiċjenti mill-benefiċjarju. Barra minn hekk, l-abbandun tal-kwoti f'dan il-każ jista' jitqies bħala għeluq effettiv ta' stabbiliment. Fir-rigward tal-impenji li jridu jittieħdu, il-kandidat benefiċjarju huwa obbligat li jippreżenta ċertifikat tal-abbandun definittiv tal-produzzjoni tiegħu u ma jistax jerġa' japplika għall-kwoti fil-ġejjieni. Fil-każ ta' waqfien parzjali, id-dikjarazzjonijiet li jridu jingħataw lix-xerrej minn sena għall-oħra juru t-tnaqqis effettiv tal-produzzjoni. Għalhekk il-kriterju tal-kontroparti huwa ssodisfat.

(76) Fir-rigward tal-kriterju tal-eliġibbiltà marbut tal-attività u mal-użu tal-kapaċità ta' produzzjoni matul il-ħames snin ta' qabel l-għeluq tal-kapaċità, il-Kummissjoni tinnota, bħalma indikaw l-awtoritajiet Franċiżi ([2]), li l-benefiċjarji għandhom jeżerċitaw effettivament l-attività ta' produzzjoni, u b'hekk, jużaw il-kwota tagħhom biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna. Id-digrieti li jirregolaw is-sistema tal-ACAL ma jinkludu l-ebda referenza għall-perjodu ta' ħames snin imsemmi fil-punt 144(g) tal-Linji Gwida, iżda r-rispett ta' dan il-perjodu huwa indikat fil-metodi tal-kalkolu tal-għajnuna nnifisha, peress li, kif imsemmi fil-premessa 43, kwantità ta' referenza individwali hija stabbilita għal medja ta' 20 % tal-kwantitajiet attribwiti matul il-ħames snin ta' kummerċjalizzazzjoni qabel l-applikazzjoni tal-ACAL, u dan huwa prova tal-attività ta' produzzjoni matul il-perjodu msemmi. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-kriterju tat-tul ta' żmien tal-attività huwa ssodisfat. Peress li l-għajnuniet applikabbli għal

([1]) Ara l-premessa 35.
([2]) Ara l-premessa 40.

setturi soġġetti għal limiti ta' produzzjoni jew għal kwoti għandhom jiġu eżaminati każ b'każ, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1788/2003 u (KE) Nru 1234/2007 ma fihom l-ebda indikazzjoni dwar il-ħtieġa li wieħed jikkonforma ma' dan il-kriterju ta' ħames snin.

(77) Fir-rigward tar-rispett tal-istandards, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi ([1]) juru b'mod suffiċjenti li l-kriterju huwa ssodisfat.

(78) Fir-rigward tal-possibbiltà li jiġu esklużi l-intrapriżi f'diffikultà mill-benefiċċju tal-għajnuniet, il-Kummissjoni tinnota li l-kriterji elenkati fil-premessa 41 jikkorrispondu għal dawk tad-definizzjoni ta' intrapriża f'diffikultà msemmija fil-punti 10(c) u 11 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet tal-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-intrapriżi f'diffikultà ([2]) tal-2004, applikabbli fil-mument tal-għoti tal-għajnuniet inkwistjoni. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-kriterju tal-esklużjoni tal-intrapriżi f'diffikultà huwa ssodisfat.

(79) Fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema għall-operaturi kollha tas-settur, il-Kummissjoni tinnota li l-unika esklużjonijiet li jeżistu fis-sistema tal-ACAL jikkonċernaw il-produtturi li ma jirrispettawx il-leġiżlazzjoni applikabbli, pereżempju fir-rigward tal-ambjent jew il-konformità mal-istandards. Peress li dawk kollha li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni għandhom aċċess għall-iskema, il-Kummissjoni tqis li l-kriterju tal-aċċessibbiltà ġenerali għas-sistema huwa ssodisfat.

(80) Fir-rigward tal-limitu tal-għajnuna għal dak li huwa meħtieġ biex tpatti għat-telf tal-valur tal-assi, flimkien ma' inċentiv finanzjarju li ma jistax jaqbeż l-20 % ta' dan il-valur, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemmx kumpens żejjed tal-valur reali tal-kwota, fid-dawl taċ-ċifri fil-premessa 43 u b'mod partikolari minħabba l-fatt li wieħed mill-komponenti tal-kwantitajiet individwali li jirrappreżenta 20 % ta' dawn tal-aħħar huwa awtomatikament eskluż mill-bażi tal-kalkolu tal-għajnuna.

(81) Fir-rigward li s-settur iħallas mill-inqas nofs l-ispejjeż, il-Kummissjoni tinnota, wara li qrat it-tabella fil-premessa 21 u l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi ([3]), li l-maġġoranza tal-għajnuniet huma ffinanzjati mit-TSST, fejn il-produtturi stess jalimentaw is-sistema billi jixtru l-kwoti. Il-proporzjon bejn l-ammonti li ġejjin mit-TSST u dawk li ġejjin minn sorsi ta' finanzjament oħrajn, b'mod partikolari, juri li t-TSST (jiġifieri l-produtturi) tikkontribwixxi għal aktar minn 50 % tal-finanzjament tal-ACAL. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterju tal-ħlas ta' mill-inqas nofs l-ispejjeż mis-settur huwa ssodisfat.

(82) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-projbizzjoni li jinħolqu kapaċitajiet ġodda fis-settur ikkonċernat matul il-ħames snin ta' wara l-waqfien tal-programm tal-għeluq tal-kapaċitajiet, il-Kummissjoni tinnota li dan il-kriterju mhuwiex rilevanti f'dan il-każ peress li l-għan tas-sistema tal-ACAL mhuwiex li tiżgura tnaqqis nett tal-kapaċità ta' produzzjoni fis-settur tal-ħalib fil-livell nazzjonali, iżda li tirristruttura l-produzzjoni fil-qafas tal-kwota nazzjonali, b'mod konformi mal-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ([4]).

## VII. **KONKLUŻJONI**

(83) Il-Kummissjoni tinnota li r-rimborżi msemmijin fil-premessa 16 ma jinkludu l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(84) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-ACAL ingħataw fir-rispett tal-Linji Gwida 2007-2013 u li għalhekk jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, anki jekk ġew implimentati b'mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE,

([1]) Ara l-premessa 41.
([2]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2. It-tul tal-validità ta' dawn il-Linji Gwida, li inizjalment kien sad-9 ta' Ottubru 2009, ġie estiż għall-ewwel darba sad-9 ta' Ottubru 2012 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà – (ĠU C 156, 9.7.2009, p. 3)), u darba oħra (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004 – (ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3)), sakemm imbagħad ġew sostitwiti b'regoli ġodda li bdew japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2014 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà – (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1)).
([3]) Ara l-premessa 44.
([4]) Ara għajnuna mill-Istat SA.36009 – Franza, għajnuna għall-waqfien tal-attività tal-ħalib.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rimborżi relatati mat-taxxa stabbilita fl-Artikolu 25 tal-Liġi Nru 2005-1720 tat-30 ta' Diċembru 2005 favur l-Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (France AgriMer), ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

L-għajnuniet għall-waqfien tal-attività tal-ħalib (ACAL) iffinanzjati mill-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2011/2012 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-għajnuniet huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*